# Qorti Kriminali

***Imhallef***

***Onor. Dr. Edwina Grima LL.D.***

*Ir-Repubblika ta' Malta*

Vs

*Yorgen Fenech*

**Illum, 5 ta' Gunju, 2023**

Il-Qorti,

Tagħmel referenza għan-nota ppreżentata mill-Avukat Ġenerali tal-31 ta' Mejju 2023.

Għal kjarifika *ergo omnes* tirribadixxi illi dan id-digriet tal-Qorti kien jirreferi għad-dokumenti li kienu annessi mal-imsemmija nota u ma jirreferiex għad-dokumenti eżebiti fl-atti proċesswali. Dan ifisser illi l-ordni tal-Qorti tad-29 ta' Novembru 2021 għadu fuq saqajh, b'dan għalhekk illi għal darb'oħra u għal kjarifika ergo omnes tordna li ma jsir ebda pubblikazzjoni kemm fil-midja lokali, fuq il-midja soċjali, fil-meżżi tax-xandir, f'kwalunkwe kitba stampata kemm dattilografikament kif ukoll elettronikament tal-kontenut tal-atti u d-dokumenti li jinsabu fl-atti proċesswali fl-isem "Ir-Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech" li għalihom għandhom aċċess unikament il-partijiet. Din l-Ordni ma tolqotx il-proċediment penali li jsir fil-Qorti inkluż allura dawk l-atti u d-dokumenti li ser jinstemgħu jew instemgħu fil-Qorti bil-miftuħ. Tordna ukoll projbizzjoni lil partijiet f'din il-vertenza u lill-avukati rispettivi tagħhom li jgħaddu kopji ta' dawn id-dokumenti lil terzi persuni, jkunu min jkunu, u ċioe' anke lil persuni mhux involuti fil-midja, jekk mhux bil-permess speċjali tal-Qorti.

Għalhekk kull min jikser din l-Ordni ikun soġġett għal proċeduri kollha maħsuba fil-liġi għal ksur ta'l-istess.

Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex minnufih jieħu ħsieb li ssir publikazzjoni f'tlett gażżetti lokali ta' dan id-digriet li għandu iservi ta' avviż ergo omnes.

(ft) Onor. Dr. Edwina Grima
Imhallef

**Vera Kopja**

Joyce Agius
Deputat Registratur

1. Yorgen Fenech
2. Dr. Charles Mercieca/Dr. Gianluca Caruana Curran/Dr. Marion Camilleri (notifika waħda)
3. Dr. Philip Galea Farrugia għall-Avukat Ġenerali
4. Il-Kummissarju tal-Pulizija u s-Supretendent Keith Arnaud.
5. Dr. Jason Azzopardi għal parte civile.
6. Reġistratur tal-Qorti sabiex issir il-publikazzjoni.